



UNJONI EWROPEA

IL-PARLAMENT EWROPEW

IL-KUNSILL

**Brussell, 27 ta' Mejju 2015
(OR. en)**

2014/0158 (COD)

PE-CONS 23/15

**CODIF 48
ECO 44
INST 112
MI 233
CODEC 521**

ATTI LEĠISLATTIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett: **REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL dwar il-miżuri ta' salvagwardja previsti fil-Ftehim bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u l-Konfederazzjoni Svizzera (kodifikazzjoni)**

REGOLAMENT (UE) 2015/...
TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

ta' ...

dwar il-miżuri ta' salvagwardja
previsti fil-Ftehim bejn
il-Komunità Ekonomika Ewropea
u l-Konfederazzjoni Svizzera
(kodifikazzjoni)

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL- UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 207(2) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġislattiv intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġislattiva ordinarja¹,

¹ Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew tad-19 ta' Mejju 2015 (għadha ma ġietx ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali) u deċiżjoni tal-Kunsill ta'

Billi:

- (1) Ir-Regolament (KEE) Nru 2841/72 tal-Kunsill¹ ġie emendat kemm-il darba² b' mod sostanzjali. Għal iktar ċarezza u razzjonalità, dak ir-Regolament għandu jiġi kkodifikat.
- (2) Fit-22 ta' Lulju 1972 ġie iffirmit fi Brussell ftehim bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u l-Konfederazzjoni Svizzera³ ('il-Ftehim').
- (3) Huwa meħtieġ li jkun hemm regoli dettaljati għall implimentazzjoni tal-klawżoli ta' salvagwardja u tal-miżuri kawtelatorji previsti fl-Artikoli 22 sa 27 tal-Ftehim.

¹ Regolament (KEE) Nru 2841/72 tal-Kunsill tad-19 ta' Diċembru 1972 fuq il-miżuri ta' salvagwardja previsti fil-Ftehim bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u l-Konfederazzjoni Svizzera (ĠU L 300, 31.12.1972, p. 284).

² Ara l-Anness I.

³ ĠU L 300, 31.12.1972, p. 189.

- (4) Biex jiġu implimentati l-klawżoli ta' salvagwardja bilaterali tal-Ftehim jeħtieġ li jkun hemm kundizzjonijiet uniformi għall-adozzjoni ta' miżuri ta' salvagwardja. Dawk il-miżuri għandhom jiġu adottati skont ir-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹.
- (5) Il-Kummissjoni għandha tadotta atti ta' implimentazzjoni li għandhom japplikaw minnufih fejn, f'każijiet debitament ġustifikati marbuta mas-sitwazzjonijiet imsemmija fl-Artikoli 24, 24a u 26 tal-Ftehim jew fil-każ ta' għajnuniet għall-esportazzjoni li jkollhom effett dirett u immedjat fuq il-kummerċ, dan ikun meħtieġ minħabba raġunijiet imperattivi ta' urġenza,

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

¹ Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal- eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni (ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13).

Artikolu 1

Il-Kummissjoni tista' tiddeċiedi li tirreferi lill-Kumitat Konġunt stabbilit bil-Ftehim bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u l-Konfederazzjoni Svizzera ('il-Ftehim') bl-iskop li jittieħdu l-miżuri previsti fl-Artikoli 22, 24, 24a u 26 tal-Ftehim. Fejn meħtieġ, il-Kummissjoni għandha tadotta dawk il-miżuri f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 6(2) ta' dan ir-Regolament.

Il-Kummissjoni għandha tgħarraf lill-Istati Membri jekk tiddeċiedi li tirreferi kwistjoni lill-Kumitat Konġunt.

Artikolu 2

1. Fl-każ ta' prattika li tista' tiġġustifika l-applikazzjoni mill-Unjoni tal-miżuri previsti fl-Artikolu 23 tal-Ftehim, il-Kummissjoni, wara li teżamina l-każ fuq l-inizjattiva tagħha stess jew fuq talba ta' Stat Membru, għandha tiddeċiedi jekk dik il-prattika hijiex kompatibbli mal-Ftehim. Fejn meħtieġ, il-Kummissjoni għandha tadotta miżuri ta' salvagwardja f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 6(2) ta' dan ir-Regolament.
2. Fil-każ ta' prattika li tista' twassal biex jiġu applikati fil-konfront tal-Unjoni miżuri ta' salvagwardja fuq il-bażi tal-Artikolu 23 tal-Ftehim, il-Kummissjoni, wara li teżamina l-każ, għandha tiddeċiedi jekk il-prattika hijiex kompatibbli mal-prinċipji stabbiliti fil-Ftehim. Fejn ikun meħtieġ, għandha tifformula rakkomandazzjonijiet xierqa.

Artikolu 3

Fil-każ ta' prattika li tista' tiġġustifika li l-Unjoni tapplika l-miżuri previsti fl-Artikolu 25 tal-Ftehim, għandhom japplikaw il-proċeduri stabbiliti mir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 597/2009¹ u mir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1225/2009².

Artikolu 4

1. Fejn minħabba ċirkostanzi eċċezzjonali jkun meħtieġ li tittieħed azzjoni immedjata fis-sitwazzjonijiet imsemmija fl-Artikoli 24, 24a u 26 tal-Ftehim jew fil-każ ta' għajnuniet għall-esportazzjoni li jkollhom effett dirett u immedjat fuq il-kummerċ, il-miżuri kawtelatorji previsti fil-punt (e) tal-Artikolu 27(3) tal-Ftehim jistgħu jiġu adottati mill-Kummissjoni f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 6(2) ta' dan ir-Regolament, jew f'każijiet ta' urġenza, f'konformità mal-Artikolu 6(3) ta' dan ir-Regolament.
2. Fejn il-Kummissjoni tintalab tiegħu azzjoni minn Stat Membru, hija għandha tiegħu deċiżjoni dwar dik it-talba fi żmien massimu ta' ħamest ijiem ta' xogħol wara li tkun irċevietha.

¹ Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 597/2009 tal-11 ta' Ġunju 2009 dwar il-protezzjoni kontra importazzjonijiet sussidjati minn pajjiżi li mhumiex membri tal-Komunità Ewropea (ĠU L 188, 18.7.2009, p. 93).

² Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1225/2009 tat-30 ta' Novembru 2009 dwar il-protezzjoni kontra l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping minn pajjiżi mhux membri tal-Komunità Ewropea (ĠU L 343, 22.12.2009, p. 51).

Artikolu 5

In-notifika lill-Kumitat Konġunt mill-Unjoni kif meħtieġ mill-Artikolu 27(2) tal-Ftehim għandha tkun responsabbli għaliha l-Kummissjoni.

Artikolu 6

1. Il-Kummissjoni għandha tkun assistita mill-Kumitat dwar is-Salvagwardji stabbilit mill-Artikolu 34(1) tar-Regolament (UE) 2015/478 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹. Dak il-Kumitat għandu jkun kumitat fis-sens tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.
2. Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, għandu japplika l-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.
3. Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, għandu japplika l-Artikolu 8 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011, flimkien mal-Artikolu 5 tiegħu.

Artikolu 7

Il-Kummissjoni għandha tinkludi tagħrif dwar l-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament fir-rapport annwali tagħha dwar l-applikazzjoni u l-implimentazzjoni ta' miżuri ta' difiża tal-kummerċ ippreżentat lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill skont l-Artikolu 22a tar-Regolament (KE) Nru 1225/2009.

¹ Regolament (UE) 2015/478 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2015 dwar ir-regoli komuni għall-importazzjonijiet (ĠU L 83, 27.3.2015, p. 16).

Artikolu 8

Ir-Regolament (KEE) Nru 2841/72 huwa mħassar.

Ir-referenzi għar-Regolament imħassar għandhom jitqiesu bħala referenzi għal dan ir-Regolament u għandhom jinqraw skond it-tabella ta' korrelazzjoni fl-Anness II.

Artikolu 9

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi ...,

Għall-Parlament Ewropew
Il-President

Għall-Kunsill
Il-President

ANNEX I

Ir-Regolament imħassar flimkien mal-lista tal-emendi suċċessivi

Ir-Regolament (KEE) Nru 2841/72 tal-Kunsill

(ĠU L 300, 31.12.1972, p. 284)

Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 643/90

(ĠU L 74, 20.3.1990, p. 7)

Ir-Regolament (EU) Nru 37/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill Biss il-punt 1 tal-Anness

(ĠU L 18, 21.1.2014, p. 1)

ANNEX II

Tabella ta' Korrelazzjoni

Regulation (KEE) Nru 2841/72	Dan ir-Regolament
Artikoli 1 sa 4	Artikoli 1 sa 4
Artikolu 6	Artikolu 5
Artikolu 7	Artikolu 6
Artikolu 8	Artikolu 7
–	Artikolu 8
–	Artikolu 9
–	Anness I
–	Anness II